TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 226/15/GB

**Godwin u Loraine Abela**

**vs**

**International Trading Company**

Illum 6 ta' Lulju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Novembru, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' tmien mija u ghoxrin Ewro (€820.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal *fridge* li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema *fridge* kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fis-7 ta' Mejju 2013, huma kienu xtraw l-*appliances* tal-kcina.

F'Gunju, il-*fridge* ma bdietx tkessah, u t-tekniku tas-socjeta' ntimata kien qalilhom li kien hemm *blockage* u li l-fridge m'ghandhiex bizzejjed arja. Kien hadha mieghu u wara hmistax ittiehdet lura, fejn din id-darba, ir-rikorrenti kienu poggewha go kamra wahedha, pero' wara gimgha regghat l-istess. Is-socjeta' ntimata kienet regghat haditha, fejn informathom li kien marilha l-*evaporator*.

Ir-rikorrenti ezebew dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fis-7 ta' Mejju 2013, ir-rikorrenti kienu xtraw *fridge* u *freezer*. Meta r-rikorrenti kienu cemplu ghal appuntament sabiex tinfetah il-garanzija, it-tekniku tas-socjeta' ntimata rega' gibed l-attenzjoni taghhom dwar l-ispazju li kien mehtieg li jkun hemm bejn il-*cupboard* u l-*fridge* u l-*freezer*, li kienu dawk ta' 10cm minn naha ta' fuq, bejn il-*cupboard* u l-*fridge/freezer*, u dik ta' 3cm minn naha tal-genb, bejn il-*cupboard* u l-*fridge/freezer*. Pero', meta t-tekniku mar fuq il-post biex jiftah il-garanzija, huwa sab li l-ispazju msemmi ma kienx hemm u ghalhekk ma setax jiftah il-garanzija. Huwa rega' nforma lir-rikorrenti dwar it-tibdiliet li kellhom isiru u li kellhom jergghu jcemplu ghal appuntament meta dan isir, pero' huma qatt ma cemplu u l-garanzija ma kienitx infethet.

Meta r-rikorrenti kienu lmentaw li l-*fridge* kienet qed taghmel is-silg minn naha ta' fuq, it-tekniku kien informahom li l-*fridge* kienet giet installata gewwa *unit* li ma kellu l-ebda spazju bejn il-*fridge/freezer* u l-*cupboard*. Il-garanzija kienet baqghet ma nfethitx.

Ir-rikorrenti stess kienu kkonfermaw li l-fridge kienet git installata gewwa unit allavolja s-socjeta' ntimata kienet avzatu li l-*unit* tal-kcina kellu jitranga. Is-socjeta' ntimata kienet avzathom li t-tiswija kienet se ssir b'xejn, bil-kundizzjoni li jitrangaw il-units. Wara din it-tiswija, ir-rikorrenti kienu regghu cemplu li kien hemm xi hsara u l-fridge kienet regghat ingabret ghaliex l-*evaporator* kien irreparabbli.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.LA1; sett ta' tliet (3) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.LA2; kopja ta' ittra legali, li giet immarkata bhala Do.LA3; kif ukoll kopja tal-garanzija, li giet immarkata bhala Dok.LA4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' notamenti taghha stess, li gew immarkati bhala Dok.ITC1.

It-Tribunal hatar lil Ing Emmanuel Scerri bhala Perit Tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post, izzomm access u kwalunkwe seduti necessarji u jirrelata dwar l-ilment tar-rikorrenti.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku, Ing Emmanuel Scerri, qed jaghzel li jistrieh fuq ir-relazzjoni tal-imsemmi Perit Tekniku fl-intier tieghu, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata zzomm il-*fridge* in kwistjoni (li tinsab diga' fil-pussess taghha), u tipprovdi lir-rikorrenti bi *fridge* gdida ta' l-istess prezz u l-istess rekwiziti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**